MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru 289/2007

Il-Pulizija
(Spettur Johann J. Fenech)

vs

Joseph Chetcuti

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 113647(M), akkuzat talli:

1. Fil-5 ta’ Jannar 2005 ghall-habta tad-9:30a.m. fi Triq San Edwardu, B’Bugia, bil-hsieb li jaghmel ferita ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Ben Li u Yan Sun ta’ nazzjonalita’ Ciniza, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, meta saq fid-direzzjoni ta’ l-istess persuni bil-vettura ta’ l-ghamla Toyota Tercel bin-numru tar-registrazzjoni ZUZ 500, liema delitt ma giex

esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta tieghu;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura Toyota Tecel bin-numru tar-registrazzjoni ZUZ 500 b'manjiera perikoluza u traskurata u b'velocita' eccessiva;

3. fl-istess data, lok u hin kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju jew mod iehor;

F'kaz ta' htija l-Qorti mitluba li tissospendi jew tirrevoka l-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghall-perjodu ta' zmien li jidrilha xierqa kif ukoll tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Ben Li u Yan Sun.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jinstema' sommarjament mhux oppost;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza bdiet fuq kwerela tal-parti allegatament leza u nzammu sitt udjenzi sabiex l-akkuzi jigu pruvati. Minn dan ma sar xejn.
Illi b'verbal tal-udjenza tal-lum il-Qorti wara li ghal darb ohra naqsu li jidhru l-kwerelanti u stante li l-ebda xhieda ohra ma kienu prezenti, ordnat maghluqa l-provi tal-prosekuzzjoni u ddecidiet li tillibera lill-akkuzat stante nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------